MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT

## AARON BUGEJA

Seduta tat-3 ta' Gunju, 2015

Numru. 906/2014

**Il-Pulizija**

**(Spetturi Daryl Borg, Jurgen Vella u Edel Mary Camilleri)**

**vs**

**Christian Aquilina**

Il-Qorti:

Wara li rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront ta` **Christian Aquilina**, karta tal-identita bin-numru 564087M fejn ġie mixli talli

f'dawn il-Gżejjer nhar il-21 ta' Settembru 2014 u fil-ġranet ta' qabel din id-data: -

(a) Assoċja ruħu ma xi persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija u dan bi ksur tal-Artikolu 48A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(b) U aktar talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer pubblikament xewwex lil persuni oħra sabiex jiksru l-liġi u dan bi ksur tal-Artikolu 70 tal-Liġijiet ta' Malta;
(c) U aktar talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, ikkonġura biex ixewwex mibgħeda jew disprezz lejn il-Gvern ta' Malta jew biex ixewwex oħrajn biex jittantaw iġibu tibdil f'xi ħaġa stabbilita b'liġi xort'oħra milli b'mezzi skont il-liġi u dan bi ksur tal-Artikolu 74 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
(d) U talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi, f'dawn il-Gżejjer, ma għamilx avviż bil-miktub tal-"meeting" lill-Kummissarju tal-Pulizija mhux iżjed minn tmint ijiem u mhux anqas minn tmienja u erbgħin siegħa qabel il-"meeting" u dan bi ksur tal-Artikolu 3 tal-Kapitolu 68 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti eżebiti;

Rat li matul is-seduta tat-23 ta' Settembru 2014 l-Uffiċjali Prosekuturi ikkonfermaw bil-ġurament tagħhom l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tal-imputat filwaqt li matul il-kors tal-eżami tal-imputat, l-istess imputat wieġeb li ma kienx ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet il-provi prodotti;

Rat li permezz ta′ nota ta′ rinviju għall-ġudizzju datata 4 ta′ Novembru 2014, l-Avukat Ġenerali deherlu li mill-Kompilazzjoni hawn fuq imsemmija, tista tinstab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub fil-konfront ta′ Christian Aquilina fl-Artikoli 17, 31, 48A, 70 u 74 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll fl-Artikoli 3, 4, 6 u 13 tal-Kapitolu 68 tal-Liġijiet ta′ Malta u għalhekk iddeċieda li taħt dak maħsub fl-Artikolu 370(3)(b)(c) tal-Kodiċi Kriminali jibgħat lill-imputat hawn fuq imsemmija sabiex tigi ġġudikata minn din il-Qorti u għalhekk bagħat lura l-atti tal-Kompilazzjoni sabiex din il-Qorti tipproċedi skont il-Liġi;

Rat li matul l-udjenza tal-1 ta′ Diċembru 2014 l-Uffiċjal Prosekutur kien iddikjara li l-Prosekuzzjoni m′għandhiex aktar provi x′tipproduċi f′dan il-każ;

Rat li matul is-seduta tal-1 ta′ Diċembru 2014 din il-Qorti, ai termini tal-Artikolu 370(3)(b) tal-Kodiċi Kriminali, wara li qrat l-istess nota fil-preżenza tal-imputat, staqsietu jekk kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat u deciż minn din il-Qorti u wara li tat lill-imputat żmien xieraq biex iwieġeb għal din il-mistoqsija, wieġeb li ma' kellux oġġezzjoni li l-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja u il-Qorti għalhekk ħadet nota bil-

miktub ta' din it-tweġiba fil-proċess ai termini tal-Artikolu 370(3)(c) tal-Kodiċi Kriminali;

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet;

***Ikkunsidrat : -***

A. Il-Fatti ta' dan il-każ

Fl-20 ta' Settembru 2014 fil-għaxija, il-Pulizija kienu ġew informati li ċertu Christian Aquilina, ċjoe l-imputat, kien għamel "post" fuq il-Facebook account tiegħu li fiha kien hemm indikazzjoni li fil—jum tal-għada, ċjoe l-21 ta' Settembru 2014 kienet ser issir protesta fil-Belt Valletta mill-kaċċaturi kontra d-deċiżjoni tal-Gvern li jagħlaq l-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa. Din il-protesta kienet ser issir għall-ħabta tas-14:00 fl-inħawi ta' Bieb il-Belt.

Il-Pulizija pruvaw jagħmlu kuntatt mal-imputat dakinhar stess, iżda ma rnexxielhomx jagħmlu dan. L-għada, ċjoe fil-jum li fih kellha ssir din il-protesta hawn fuq imsemmija, l-imputat kien ġie kkuntattjat u mitlub jattendi l-Għassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta sabiex jiġi mitkellem dwar din il-post fuq Facebook u l-allegata protesta li kellha ssir aktar tard matul dak il-jum.

L-Ispettur Stephen Mallia iltaqa' mal-imputat li kien akkumpanjat minn missieru Mario. Matul din il-laqgħa l-imputat kien ġie mgħarraf, *inter alia,* li sabiex issir protesta ried ikun hemm ċerti proċeduri amministrattivi li riedu jsiru sabiex jinħarġu l-permessi meħtieġa mill-Kummissarju tal-Pulizija – fosthom li riedet issir applikazzjoni mal-"*meetings* office". Din il-proċedura kienet meħtieġa sabiex il-Pulizija tkun tista tagħmel ċerti arranġamenti, inter alia, għaż-żamma tal-bon ordni.

Matul il-kors ta' din il-laqgħa l-imputat stqarr li huwa kien imqabbad minn persuna oħra li rrefera għalih bħala "Wenzu l-kaċċatur". Lil dan Wenzu huwa ma kienx jafu *di persona* pero kien ikelmu tramite Facebook. L-imputat ma kienx f'qagħda li jagħti d-dettalji ta' din il-persuna lil Pulizija. Matul dik il-laqgħa il-Pulizija kienu baqgħu mal-imputat li huwa kellu jaħsibha jekk kellhiex issir il-protesta jew le, imur lura d-dar u jċemplilhom lura biex jinfurmahom jekk kienx sejjer isegwi l-proċedura u japplika mal-"meetings office" biex il-protesta issir f'ġurnata oħra jew inkella kienx sejjer jagħmel *post* ieħor biex jinforma lil persuni li kienu irċivew il-*post* preċedenti li l-protesta kienet tħassret u jgħaddi lill-Pulizija l-informazzjoni li kellu.

L-ispettur Mallia stqarr ukoll li huwa kien informa lill-imputat li jekk il-protesta kienet ser issir, il-Pulizija ma kienetx ser twaqqafha milli ssir u dan għaliex "kellhom dritt li jagħmlu l-protesta pero ma kienetx ser tkun

skont il-proceduri u sa ċertu punt kienet ħa tkun illegali għax ma hemmx il-permess tal-Pulizija".

Ftit ħin wara l-imputat ċempel l-għassa tal-Pulizija u tkellem mal-Uffiċjal tal-Pulizija li kien fl-għassa u rrisponda t-telefon fejn l-imputat kien informahom li huwa kien għamel *post* ieħor fuq Facebook li l-protesta ma kienetx ser issir minħabba li l-Pulizija mill-Għassa tal-Belt kienu bagħtu għalih u informawh dwar il-ħtieġa tal-proċedura tal-permess għall-protesta.

Inzerta li dakinhar stess tal-protesta, kien jum l-Indipendenza u l-Pulizija tal-Għassa tal-Belt Valletta kienu okkupati minħabba ċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru f'dak il-jum fl-istess Belt. Dawn l-attivitajiet spiċċaw għall-ħabta tas-siegħa ta' wara nofsinhar u meta l-Ispettur Mallia flimkien ma' uffiċjali oħra tal-Korp kienu sejrin lura lejn l-Għassa tal-Pulizija innotaw li fid-daħla ta' Bieb il-Belt ma kienx hemm persuni jew movimenti li jindikaw li kienet ser issir xi protesta. Iżda wara ftit ħin, reġgħu marru lejn Bieb il-Belt u raw li bdew jinġemgħu xi nies (madwar ħamsin ruħ) taħt il-loġoġ ta' Bieb il-Belt. F'qasir żmien dawn il-persuni ingħaqdu m'oħrajn li bdew jinġemgħu barra Bieb il-Belt u l-miġegħma issa ġiet tlaħħaq il-fuq minn mitt ruħ. Kienu persuni liebsin ilbies distintiv ta' kaċċaturi. Wieħed minnhom kellu wkoll injama forma ta' senter miżbugħa sewda. Dawn in-nies li komplew jinġemgħu issa kienu jlaħqu madwar mitejn ruħ bdew miexjin lejn Bieb il-Belt. Inġabru wkoll xi nies oħra kurjużi u ġurnalisti. L-imputat ma kienx preżenti

matul il-kors ta' din l-attivita'. Ġew rapurtati wkoll xi inċidenti minn nies li ħadu sehem f'din il-protesta u li kienu anke ssarfu fi ksur ta' liġi penali. Ġew ukoll rapurtati inċidenti oħra li seħħew fl-inħawi tal-Buskett fejn anke allegatament kien hemm ksur ta' liġi penali konsistenti f'allegati reati kontra l-persuna. L-imputat ma kien preżenti għal ebda waħda minn dawn l-episodji.

L-għada ta' din il-protesta fil-Belt Valletta, fit-22 ta' Settembru 2014 l-Pulizija reġgħat bagħatet għall-imputat għal aktar stħarriġ. L-imputat ġie mistoqsi fejn matul il-jum ta' qabel kien għamel il-post fuq Facebook li permezz tagħha kien xandar li l-protesta kienet tħasret u dan peress li l-*post* oriġinali ma setgħetx tiġi rintraċċjata mill-Pulizija. Matul il-kors tal-interrogazzjoni, l-imputat irrilaxxja stqarrija fl-18:05[1] u dan wara li kien irrifjuta l-jedd għall-parir legali.[2]

Fl-istqarrija tiegħu l-imputat stqarr li l-jum ta' qabel, fil-ħinijiet ta' wara nofsinhar huwa kien qiegħed id-dar tiegħu f'Birkirkara, ma resaqx lejn il-Belt Valletta fil-ħin tal-protesta. Huwa kien segwa "xi ħaġa żgħira" dwar dak li kien seħħ il-Belt Valletta minn fuq l-aħbarijiet. Huwa reġgħa tenna li kien Wenzu l-Kaċċatur li kien tah l-ideja tal-protesta. Dettalji tiegħu ma kellux, iżda kien dan Wenzu li ħareġ bl-ideja u kien qallu li peress li ma kienx jaf jikkreja *event* fuq Facebook kellu bżonn l-

[1] Fol. 9
[2] Fol. 8

għajnuna ta′ xi ħadd u l-imputat stqarr li kien iddeffes hu biex jagħmel din il-biċċa xogħol.

L-imputat jammetti li kien huwa stess li kkreja l-*event* fuq Facebook fejn nies ġew imħeġġa sabiex jattendu għal din il-protesta, għalkemm huwa tenna li l-ideja ma kienetx tiegħu iżda ta′ Wenzu l-Kaċċatur. L-imputat jammetti wkoll li huwa ma kellux il-permess meħtieġ sabiex issir din il-protesta. Huwa jtenni li din l-*event* tal-protesta kienet ġiet krejata u rreklamata fuq il-profil personali tiegħu ta′ Facebook. Il-kliem li permezz tiegħu kien ġie krejat dan l-*event* jaqra bil-mod segwenti[3] : -

> **Sa sir protesta il belt ghada fis 2.00pm fejn kien qabel bieb il belt biex insemaw lehen il kaccatur imwegga wara li bla rispett li stagun tal kacca gi maluq u wara li hafna weddi geww miksura**

Wara li kien ġie mitkellem mill-Ispettur Mallia dwar il-proċedura li riedet tiġi segwita sabiex tiġi organizzata l-protesta, l-imputat mar id-dar tiegħu u daħal fuq Facebook. Issa pero minflok li huwa reġgħa għamel *post* fuq il-profil personali tiegħu (minn fejn kien oriġinarjament irreklama l-*event* tal-protesta qabel) huwa minflok daħal fuq grupp li hemm ukoll fuq Facebook jismu "Kaċċaturi Maltin" u kiteb il-kliem :

[3] Ara fol 35.

> **Mala dalodu gejt maruf mil assa tal pulizija tal belt li il protesta tahna hemm bzonn li isir bil permess specjali tal pulizija biex l affarijiet jiggi in ordni il bicca tax xoghol hi li il pulizija iridu il permess biex ikunu jistaw ituna backup tal corp tal pulizija jidispjacini imma il protesta ma tistax issir il lum habba ragguni li ma gewx avzatti min qabel jien min hawn nixtieq niringrazja il corp tal pulizija li iridu jejnuna fuq din il mixja**

Minkejja dan it-tentattiv tal-imputat biex il-protesta ma ssirx, kważi letteralment *at the eleventh hour*, il-protesta xorta waħda saret u dan peress li dan l-avviż kien ħareġ tard wisq. L-imputat itenni l-event page li huwa kien għamel, kienet *open* għal kulħadd. Huwa minn naħa tiegħu ma ħassrux l-*event*. Iżda tenna li setgħa jiġi mħassar minn ħaddieħor. Huwa qal ukoll li kien ikkreja l-event fuq il-profil personali tiegħu ta' Facebook peress li huwa ma kienx *administrator* tal-grupp Kaċċaturi Maltin. L-imputat, għall-mistoqsija tal-Ispettur Daryl Borg, tenna li huwa kien għaraf li bl-aġir tiegħu kien ħeġġeġ lin-nies sabiex jagħmlu l-protesta.

L-imputat jgħid li ma kien għaraf lil ħadd minn dawk li kienu ħadu sehem fil-protesta l-jum ta' qabel. Huwa ma kellux aċċess għall-profil ta' Wenzu l-Kaċċatur. Kien jaf pero li wara li kien għamel il-post fuq il-paġna ta' "Kaċċaturi Maltin" kien hemm min wieġeb li ma kienx hemm bżonn tal-permess tal-Pulizija għaliex il-parteċipanti ma kienu ser

jagħmlu xejn ħażin u kien hemm ukoll min stqarr li kienu ser imorru l-Belt xorta waħda minkejja l-*post* tiegħu li l-protesta tħassret.

***Ikkunsidrat : -***

Illi veru jew fittizju l-karattru ta' Wenzu l-Kaċċatur, jibqa' l-fatt li kien l-imputat dak li għażel, minn jeddu, li joħloq l-*event* fuq il-profil personali tiegħu fuq Facebook u li permezz tiegħu irreklama li kienet ser issir protesta fil-Belt Valletta fil-jum tal-21 ta' Settembru 2014 fis-14:00 fejn kien qabel Bieb il-Belt u dan sabiex il-kaċċaturi li kienu qed iħossuhom imweġġħin isemmgħu leħinhom u dan skont l-imputat, wara li bla rispett l-istaġun tal-kaċċa kien ġie magħluq u wara li skontu ħafna wegħdi ġew miskura. Essenzjalment il-pern ta' dan il-każ, idur madwar is-sustanza ta' dawn il-kliem li l-imputat għażel li jxandar minn fuq il-profil tiegħu ta' Facebook.

Dan il-każ irid jiġi analizzat fid-dawl ta' dak li l-imputat wettaq, lil hinn mill-ħafna passjonijiet u emozzjonijiet li l-meritu ta' dan il-każ jista' jissuxxita f'xi nies minħabba li huwa marbut mal-kaċċa tal-agħsafar. Fis-sistema tad-Dritt u l-liġi kriminali Malti, imputat irid iwieġeb għall-egħmil tiegħu u għall-egħmil tiegħu biss u ma jistax jiġi tenut responsabbli li jġorr ukoll dak li jkun għamel ħaddieħor – sakemm huwa ma jkunx ikkonġra, ittenta, assoċja ruħu jew irrenda ruħu kompliċi ma dak il-ħaddieħor fit-twettieq ta' reati kriminali.

F'dan il-każ l-imputat ma kienx wieħed minn dawk li ħadu sehem fil-protesta li saret il-Belt Valletta fejn allegatament ġew kommessi xi reati kriminali minn xi wħud li kienu preżenti għall-dik il-protesta. L-anqas kien wieħed minn dawk il-persuni li allegatament għamlu reati kriminali fuq persuni li kienu jinsabu fil-Buskett allegatament membri tal-Birdlife Malta. L-imputat f'dan il-każ mhux imsejjah jirrispondi għall-parteċipazzjoni f'dawn l-allegati atti kriminali hawn fuq imsemmija kommessi minn terzi persuni; iżda skont l-imputazzjonijiet huwa mitlub jirrispondi jekk kienx hemm l-estremi tar-reat ta' assoċjazzjoni, ta' tixwix sabiex persuna oħra tikser il-Liġi, tal-konġura sedizzjuża, u ta' min jagħmel *meeting* pubbliku mingħajr il-permess meħtieġ.

***Ikkunsidrat : -***

<u>L-ewwel imputazzjoni :-</u>

Dan huwa r-reat tal-assoċjazzjoni taħt l-Artikolu 48A tal-Kodiċi Kriminali ċjoe' : -

> **48A.** (1) Kull min f'Malta jassoċja ruħu ma' xi persuna jew persuni f'Malta jew barra minn Malta bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija, u li ma jkunx delitt taħt l-Att dwar l-Istampa, ikun ħati tar-reat ta' assoċjazzjoni biex jagħmel dak ir-reat.

Fil-Liġi Maltija, ir-reat t'assoċjazzjoni per se huwa reat. Iżda skont ġurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, biex dan ir-reat jitwettaq irid jiġi muri li l-assoċjazzjoni tkun saret bil-għan li jagħmel delitt f'Malta li għalih hemm il-piena ta' priġunerija. Issa skont is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Fabio Zulian"[4] :

> 11. Jiġi fl-ewwel lok osservat illi sabiex jiġi applikat l-imsemmi artikolu 48A, irid jiġi determinat liem'hu r-reat li tiegħu l-prosekuzzjoni tkun qed tallega li tiegħu l-assoċjati jkunu ppjanaw jew ftehmu biex iwettqu. Għalhekk ir-reat ta' assoċjazzjoni jrid jiġi abbinat ma' tali reat.

F'dan il-każ, la minn qari tal-komparixxi u l-anqas mill-provi prodotti ma jirriżulta li l-Prosekuzzjoni indikat liema hu r-reat li tiegħu il-prosekuzzjoni qed tallega li tiegħu l-imputat, bħala wieħed mill-assoċjati, ippjanaw jew ftehmu biex iwettqu. Inoltre, l-anqas ma l-prosekuzzjoni donnha stħarġet jekk il-fatti allegati kienux jaqgħu taħt l-Att dwar l-Istampa stante li r-reati allegatament ġew imwetqa bil-mezz ta' *post* fuq Facebook.[5]

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma tistax issib lill-imputat ħati ta' din l-ewwel imputazzjoni.

[4] Deċiża 12 ta' Mejju 2015 per Imħallef David Scicluna.
[5] Ara "Il-Pulizija vs David Paris", deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-13 ta' Marzu 2009 per JGD.

<u>It-tieni imputazzjoni : -</u>

Dan huwa r-reat ta' :

**70.** Kull min, pubblikament, ixewwex lil persuna oħra sabiex tikser il-liġi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa, jew, fil-każijiet ħfief, id-detenzjoni jew l-ammenda.

Hawnhekk il-kliem tal-Liġi huwa ċar – irid ikun hemm persuna li pubblikament ixxewwex lil persuna oħra sabiex tikser il-Liġi. Dan huwa reat li jrid jiġi interpretat u applikat b'attenzjoni kbira u b'ċirkospezzjoni. Applikazzjoni ħażina tiegħu jista' jkollha effett diżastruż fuq il-liberta tal-espressjoni f'soċjeta demokratika. Skont kif jistqarr il-Professur Mamo a fol 20 tal-ewwel Volum tan-"Notes on Criminal Law" fl-edizzjoni riveduta tal-1954-1955 :

> "Nothing in this provision," the Crown Advocate said, "lends itself to misconstruction. The offence consists in a public instigation to the disobedience of the law. You have only to find out what the law imposes and whether a public instigation has been made to its disobedience ... if the law is bad there are legal remedies but instigation to disobey the law because it is bad is certainly not a legal remedy and so long as the law is in force, no on(c)e can claimto be justified in inciting others to disobey it." (Debates, loc. cit., page 325). In other words, this provision is not designed to prevent or make criminal candid, full and free discussion of any public matter which is the right of every citizen. The law bay be criticized freely and liberally. The provision under reference does not seek to put any narrow construction on the expressions used, but interferes only when plainly and deliberately the limits are passed of frank and candid and honest discussion or criticism and degenerates into a public incitement to the disobedience of the law.

Il-Qorti ssib li l-mezz li uża l-imputat, u ċjoe li joħloq *event* fuq il-Facebook profile tiegħu, jilħaq il-kriterja tal-pubbliċita meħtieġa skont il-Liġi. Jirriżulta li l-profile pubbliku tiegħu ġie aċċessat minn għadd kbir ta' nies li qajla jista' jiġi kwalifikat bħala xi sit privat jew ambjent ristrett jew magħluq.

Kwantu għall-meritu pero, din il-Qorti ma ssib xejn fil-kliem użat mill-imputat li permezz tiegħu jista jingħad li huwa ikkommetta dan ir-reat. Bil-kliem li stqarr, l-imputat ma xewwex lil ħadd <u>biex jikser il-liġi</u>. L-imputat xandar li kienet ser issir protesta minħabba li bħala kaċċatur kien qiegħed iħossu imweġġa' wara li skontu bla rispett l-istaġun tal-kaċċa kien ġie magħluq u wara li skontu ħafna wegħdi ġew miskura.

Il-Qorti ma tara xejn li jmur kontra l-liġi f'din l-istqarrija fis-sens tal-Artikolu 70 tal-Kodiċi Kriminali. Li persuna tirreklama li ser issir protesta minħabba li kien hemm liġi jew deċiżjoni li tħoss li kienet ħażina jew oppressiva fuqu jew fuq kategorija ta' nies li minnha jifforma parti, kif ukoll jistqarr pubblikament ir-raġuni għaliex iħossu imweġġa' mhix per se kontra l-Liġi, jew istigazzjoni biex ma tiġix obduta xi liġi. Del resto m'istigax lin-nies biex jiksru l-Liġi jew l-ordni li biha ġie magħluq l-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa. Ried li jipprotestaw kontra ta' din id-deċiżjoni permezz ta' dimostrazzjoni pubblika. F'soċjeta demokratika, din mhix azzjoni illegali, għalkemm xorta jridu jiġu osservati proċeduri amministrattivi li permezz tagħhom jintalbu l-

permessi meħtieġa mill-Kummissarju tal-Pulizija għall-organizzazjoni tal-istess.

Sa′ dan il-punt, b′dan l-egħmil tal-imputat u bl-istqarrija pubblika tiegħu ma nqabisx il-limitu massimu permissibbli indikat minn Mamo bejn il-legalita′ u l-illegalita tal-azzjoni fi ħdan l-Artikolu 70 tal-Kodiċi Kriminali.

<u>It-tielet imputazzjoni : -</u>

Ir-reat ta′ konġura sedizzjuża huwa mfisser fl-Artikolu 74 tal-Kodiċi Kriminali li jgħid -

**74.** Jekk żewġ persuni jew aktar jikkonġuraw bejniethom biex ixewxu mibegħda jew disprezz lejn il-persuna tal-President ta' Malta jew lejn il-Gvern ta' Malta, jew biex ixewxu oħrajn sabiex jittantaw iġibu tibdil f'xi ħaġa stabbilita b'liġi, xort'oħra milli b'mezzi skont il-liġi, kull persuna li tinsab ħatja ta' dan teħel il- piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tmintax-il xahar.

Fil-fehma tal-Qorti, anke hawnhekk il-Prosekuzzjoni għandha diffikultajiet biex tirnexxi fil-każ tagħha f′dan ir-reat. Qabel xejn dan ir-reat huwa prinċipalment dak ta′ konġura. Dan huwa mistqarr ukoll mill-Professur Mamo kif aktar il-fuq imsemmi fin-Noti tiegħu. Huwa jgħid li l-Liġi hawnhekk trid tikkastiga l-att tal-konġura li jkollu bħala għan tiegħu wieħed minn dawk l-għanijiet imsemmija fl-Artikolu. Il-Liġi ma tiddefinix il-kelma "konġura" f′dan l-Artikolu, iżda l-Profs

Mamo jtenni li l-istess tifsira fir-rigward tar-reat imsemmi fl-Artikolu 58 tal-Kodiċi Kriminali għandha tapplika. Hekk allura dan l-Artikolu jgħid li :

**58.** Il-konġura teżisti malli jiġu kkumbinati jew miftiehma bejn żewġ persuni jew iżjed il-mezzi, ikunu li jkunu, li bihom għandhom jimxu.

Issa f'dan il-każ, il-Prosekuzzjoni ma resqet ebda prova li turi, lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni li x'kienu dawn il-mezzi ikkumbinati bejn żewġ persuni jew aktar li bihom iridu jimxu biex imexxu l-konġura.

Għalkemm l-imputat itenni li l-moħħ wara l-organizzazjoni ta' din il-protesta kien ċertu Wenzu l-Kaċċatur, dan il-personaġġ ma ġiex pruvat jekk hux wieħed reali jew fittizju. Għall-fini ta' din il-proċedura penali, jirriżulta li l-*event* fuq Facebook kien ġie maħluq mill-imputat u għalih għandu jwieġeb hu.

Jekk *gratia argomenti* jingħad l-konġura kienet tikkonsisti bejn l-imputat u dawk li kienu ddeċidew li jipparteċipaw f'din il-protesta (u b'mod partikolari dawk li anke għamlu "like" fuq Facebook jew ikkonfermaw l-attendenza tagħhom), xorta waħda ma ġiex pruvat x'kien il-ftehim dwar il-mezzi, ikunu li jkunu, li permezz tagħhom dawk parti fil-konġura kellhom jimxu biex iwettqu wieħed mill-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 74.

Anke jekk *gratia argomenti* jingħad li l-mezzi kienu jikkonsistu per eżempju f'atti li kellhom iwaslu għall-protesta u għall-dak li kellu jitwettaq matulha ma ġiex pruvat soddisfaċentement dawn l-atti x'kienu jew x'kellhom ikunu; jew almenu li kien hemm ftehim dwarhom minn qabel bejn il-konġurati u li l-imputat kien wieħed minn dawk li kien jaf b'dawn l-atti li kellhom jitwetqu u li ħa sehem fit-tfassil tagħhom. Dawn il-provi huma nieqsa.

Il-provi miġjuba juru li l-imputat ħoloq l-*event* li fih irreklama li kienet ser issir protesta. Iżda ma ġiex pruvat li hu kien miftiehem ma' xi konġurati ċjoe jekk kellhiex tieħu bixra jew xeħta b'atti bil-ħsieb li jsir xi wieħed mill-għanijiet imsemmija fl-Artikolu 74 tal-Kodiċi Kriminali. Skont dan l-Artikolu, l-għan tal-konġura għandha tkun li l-konġurati bejniethom ixewxu mibegħda jew disprezz lejn il-persuna tal-President ta' Malta jew lejn il-Gvern ta' Malta, jew biex ixewxu oħrajn sabiex jittantaw iġibu tibdil f'xi ħaġa stabbilita b'liġi, xort'oħra milli b'mezzi skont il-Liġi.

Issa f'dan il-każ jista' jkun li xi wħud minn **dawk li pparteċipaw f'din il-protesta** għamlu xi atti li permezz tagħhom setgħu aġixxew b'mod li wrew mibegħda jew disprezz lejn il-persuna tal-President ta' Malta jew lejn il-Gvern ta' Malta. Iżda dan ma jfissirx li ġie ppruvat soddisfaċentement **ukoll** li l-imputat kien wieħed fosthom li bil-kliem

mistqarr minnu fil-Facebook *event* tiegħu ikkonġura mal-parteċipanti biex jitwetqu dawk ir-reati matul dik il-protesta għal dak il-għan.

L-anqas ma ġie ppruvat sal-grad rikjest mill-Liġi li l-imputat ikkonġra mal-parteċipanti fil-protesta jew ma persuni oħra sabiex ixewxu oħrajn sabiex jittantaw iġibu tibdil f'xi ħaġa stabbilita b'liġi, xort'oħra milli b'mezzi skont il-liġi.  L-enfażi f'dan il-każ mhux daqstant li jkun hemm tixwix sabiex persuni jittantaw iġibu tibdil f'xi ħaġa stabbilita b'liġi.  Fil-verita' kieku kien hekk, il-Liġi kienet tkun inkostituzzjonali inkwantu timmina serjament il-liberta tal-assoċjazzjoni u tal-espressjoni tal-persuni li jinsabu f'Malta in kwantu tkun qegħda tagħmillhom sarima ma' ħalqhom b'mod li ma tkunx kompatibbli mad-dritt tal-espressjoni ħielsa u l-assoċjazzjoni f'soċjeta demokratika.

Iżda li persuni jittantaw iġibu tibdil f'xi ħaġa stabbilita b'liġi, **<u>xort'oħra milli b'mezzi skont il-liġi</u>**, ġustament għandhom jiġu ċċensurati in kwantu l-ebda **<u>demokrazija</u>** ma tista tippermetti li fi ħdanha jkun hemm l-użu ta' mezzi **<u>kontra l-liġi</u>** sabiex ikun hemm tibdil f'xi ħaġa stabbilita b'liġi.

Issa f'dan il-każ, jirriżulta li l-għan tal-imputat kien li tiġi organizzata protesta sabiex hu u persuni oħra fil-kategorija tiegħu iwasslu l-karba ta'

protesta tagħhom wara li l-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa kien ġie magħluq minħabba ksur tal-liġi da parti ta' xi persuni li ma rrispettawx ir-regolamenti tal-kaċċa.

Il-Qorti tifhem li wieħed mill-għanijiet ta' din il-protesta kellha tkun dik li, jekk jista' jkun, issir pressjoni fuq l-Awtoritajiet Eżekuttivi biex jagħtu widen għall-din il-karba ta' protesta u jirrealizzaw s-sens ta' dwejjaq, frustrazzjoni, rabbja u diżillużjoni li allegatament kienu qed iħossu dawn il-kaċċaturi li skont ma wieħed jifhem mill-*post* tal-imputat ħassewhom inġustament penalizzati mill-azzjoni tal-Eżekuttiv in konsegwenza għall-azzjoni ta' xi wħud irresponsabbli li ma osservawx ir-regolamenti tal-kaċċa. Anzi l-Qorti tifhem ukoll li kieku possibbli, l-istess protestanti kienu jridu jew almenu jixtiequ li jġibu tibdil f'xi ħaġa stabbilita b'liġi – ċjoe li jkun hemm il-ftuħ mill-ġdid tal-istaġun tal-kaċċa fil-ħarifa wara li kien ġie magħluq, fil-fehma tagħhom inġustament. Sa dan il-punt, l-imputat ma jistax jiġi meqjus li kien b'dan biss qed jikser l-Artikolu 74 tal-Kodiċi Kriminali. Dan peress li ma hemm xejn f'dan l-Artikolu 74 li jivvjeta jew jippenalizza l-azzjoni ta' pubbliċizzazjoni ta' protesta bil-għan li persuna/i jittantaw iġibu tibdil f'xi ħaġa stabbilita b'liġi.

Apparti minn hekk wara li ġie allertjat mill-Pulizija li din il-protesta kienet nieqsa mill-permessi skont il-liġi, l-imputat ittanta li javża lil

kemm nies seta' bl-istess mezz tal-Facebook li kienet ser titħassar minħabba f'dan.

Il-fatt li l-protesta li kien irreklama l-imputat ma kellhiex il-permessi amministrattivi meħtieġa in kwantu huwa ma talabx lil Kummissarju tal-Pulizija għall-ħruġ tal-istess permessi *in se u per se* ma jikkwalifikax l-azzjoni tal-imputat li bħala li kienet azzjoni magħmula biex ixewwex oħrajn sabiex jittantaw iġibu tibdil f'xi ħaġa stabbilita b'liġi, magħmula **<u>xort'oħra milli b'mezzi skont il-liġi</u>**. Dan għaliex hawnhekk il-Liġi teħtieġ azzjoni "xort'oħra milli b'mezzi skont il-Liġi" fis-sens li jkunu azzjonijiet t'indoli u ta' natura penali u mhux sempliċiment infrazzjonijiet t'indoli jew ta' natura ċivili jew amministrattiva.

Din il-Qorti ttenni li kien ikun ħafna aktar għaqli għall-imputat li kieku qabel ma ddeffes u żżattat biex iħeġġeġ din il-protesta, iċċekkja l-affarijiet tiegħu sewwa x'irid jagħmel qabel jiftaħ ħalqu (jew aħjar il-Facebook tiegħu) u jgħajjat għall-protesta; u kien ikun aktar aħjar għall-imputat li ma ħalliex l-emozzjonijiet jiġru bih. Pero din l-azzjoni inkonsewta tiegħu hija ferm il-bogħod milli wieħed jgħid li minħabba fiha irrenda ruħu responsabbli għall-kommissjoni ta' konġura sedizzjuża f'dan il-każ.

Jekk *gratia argomenti* kien hemm min ipparteċipa fil-protesta u qabeż il-limiti u kiser ukoll il-liġi kriminali, dan għandu jpatti għal egħmilu

personalment għall-azzjonijiet li wettaq matul din il-protesta. Iżda ma jistax jiġi meqjuż li sempliċiment b'sejħa pubblika għal protesta minn fuq Facebook, bil-kliem u bl-espressjonijiet li uża, l-imputat kien qiegħed ixewwex sabiex persuna oħra tikser il-Liġi jew li b'daqshekk ħa sehem f'konġura sedizzjuża. Ir-rabta bejn l-illegalitajiet li allegatament seħħew matul il-protesta (u lil hinn minnha) u l-azzjoni tal-imputat riflessa fil-kliem u l-espressjonijiet li uża fuq il-Facebook *event* l-imputat hija nieqsa.

L-anqas ma jista' wieħed **jassumi** li għaliex l-imputat kien kaċċatur u li l-kategorija tal-kaċċaturi fiha elementi li ma jħarsux il-liġijiet tal-pajjiż, jekk mhux ukoll elementi vjolenti, allura *per forza* u bħala konsegwenza inevitabbli għal din l-assunzjoni, kull sejħa għall-protesta minn din il-kategorija kienet tfisser awtomatikament jew sintomatikament sejħa għall-kommissjoni ta' azzjonijiet estremi jew illegali. Bid-dovut rispett, allaħares dan il-kriterju kellu jiġi adottat f'dan il-każ għaliex altrimenti tkun qed tinħonoq il-liberta' tal-espressjoni u assoċjazzjoni ta' kategorija ta' nies inġustament. Del resto kull kategorija fis-soċjeta għandha fiha elementi onesti u anqas onesti, osservanti tal-Liġi u anqas osservanti tal-Liġi.

In definittiva jekk kien hemm elementi li ħadu sehem f'din il-protesta u interpretaw it-tifsira ta' protesta b'mod kontort, għandhom jirrispondu huma għal egħmilhom.

Ir-raba' imputazzjoni

L-Artikoli 3, 4 u 6 tal-Kapitolu 68 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivu l-obbligu ta' min ikun irid jorganizza meeting pubbliku li jottjeni l-permess meħtieġ mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija u l-istess Liġi tipprovdi gwida pass pass ta' x'għandu jagħmel dak li jkun biex ikun jista jġib dan il-permess, inkluż billi jipprovdi informazzjoni dwar fejn irid jingħata l-avviż, inkluż il-partikolaritajiet meħtieġa f'dan l-avviż u l-ħinijiet ta' meta għandu jingħata.

Biss il-liġi hija kemxejn sibillina meta tiġi biex tiddefinixxi x'inhu "*meeting* pubbliku" u aktar minn hekk "dimostrazzjoni". It-tifsiriet huma s-segwenti : -

**2.** F'din l-Ordinanza -

"dimostrazzjoni" jew "dimostrazzjoni pubblika" tfisser laqgħa jew ġemgħa ta' iżjed minn għoxrin ruħ fi triq jew pjazza pubblika jew f'post pubbliku fil-beraħ, li jkollha bħala skop li turi kif soltu ssir pubblikament l-akkoljenza, l-approvazzjoni jew id- disapprovazzjoni ta' dik il-laqgħa jew ġemgħa; iżda ħlief għal finijiet tal-artikoli 20 sa 23 ma tinkludix dimostrazzjoni spontanea;

"dimostrazzjoni spontanea" tfisser dimostrazzjoni li ma tkunx organizzata jew reklamata minn qabel;

"*meeting*" jew "*meeting* pubbliku" ifisser ġemgħa ta' iżjed minn għoxrin ruħ miġburin flimkien biex jiddiskutu ħwejjeġ pubbliċi fi triq jew pjazza pubblika jew f'post pubbliku fil-beraħ, u tinkludi dimostrazzjoni.

Din il-Qorti tqis li l-protesta li sejjaħ għaliha l-imputat fl-*event* fuq Facebook tinkwadra fil-qafas ta' dawn it-tifsiriet u tqis li din il-protesta kellha ssegwi l-iter amministrattiv u burokratiku imsemmi u rikjest

minn din il-Liġi. L-imputat, li għall-fini ta' din il-kawża qed jiġi ritenut bħala dak li kien responsabbli mir-reklamar u mill-organizzazjoni ta' din l-*event* fuq Facebook jiġi per konsegwenza li kien ukoll l-organizzatur ta' din il-protesta. Hu kien dak li jekk ma kienx il-moħħ (ħaġa li din il-Qorti ma temminx – u dan għax temmen li kien il-moħħ – jew wieħed mill-imħuħ ukoll), kien żgur il-ħalq għat-twettieq ta' din il-protesta.

In kwantu tali huwa *ex admissis* naqas mill-obbligi tiegħu li jagħti avviż ta' din il-protesta fil-forma u fiż-żminijiet rikjesti mill-Liġi. Għalkemm huwa minnu li huwa ġie mwissi mill-Pulizija qabel ma seħħet il-protesta li kien jeħtieġ dan il-permess, u huwa minnu li huwa ipprova jagħmel li seta' biex dan l-event fuq Facebook jiġi mħassar u l-protesta tiġi mħassra, jidher biċ-ċar li s-sitwazzjoni ma baqgħetx aktar fil-kontroll tiegħu. L-aħbar ġriet bħal leħħa ta' berqa u nfirxet bħan-nar tat-tiben. Il-protesta saret u ma setgħetx titqies bħala protesta spontanea. Huwa fatt li *ignorantia iuris neminem excusat*. L-azzjoni riparattiva tal-imputat biex titħassar il-protesta kienet tardiva wisq. Fi kwalunkwe każ, trattandosi ta' reat ta' *strict liability*, ir-reat ġie integrat in konsegwenza għall-inosservanza tempestiva ta' dawn l-Artikoli 3, 4, 6 u 13 tal-Kapitolu 68 tal-Liġijiet ta' Malta.

***<u>DECIDE</u>***

illi wara li rat l-Artikoli ċitati mill-Avukat Ġenerali fin-nota tar-rinviju għall-ġudizzju tiegħu hawn fuq imsemmija u ċjoe fl-Artikoli 17, 31, 48A, 70 u 74 tal-Kodiċi Kriminali, kif ukoll fl-Artikoli 3, 4, 6 u 13 tal-Kapitolu 68 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti filwaqt li ssib lil Christian Aquilina, għar-raġunijiet fuq premessi mhux ħati tal-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet u minnhom tilliberah minn kull ħtija u piena, issibu ħati tar-raba imputazzjoni u tenut kont tax-xorta tar-reat, kif ukoll tal-karattru inċensurat tal-ħati, kif ukoll taċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ, peress li tqis li piena ta' detenzjoni jew priġunerija stipulati fil-liġi ma humiex idoneji f'dan il-każ, wara li rat l-Artikolu 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta qegħda tillibera lil ħati bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat ieħor fi żmien tliet snin millum u dan wara li ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-istess Kap il-Qorti spjegat lil ħati fi kliem sempliċi u li jinftiehem qabel ma erogat din is-sentenza bil-konsegwenzi li huwa jkollu jaffaċċja fil-każ li huwa jikkommetti reat ieħor fil-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

***Mogħtija illum 3 ta' Ġunju 2015 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------